

Brussell, 17 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16985/24

AGRI 891
AGRIFIN 149
FIN 1132

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Diċembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15965/1/24 REV 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 20/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni: Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

ir-Rapport Speċjali nru 20/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: *"Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni: Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent"*,

approvati mill-Kunsill fl-4071 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Diċembru 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Rapport Speċjali 20/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:

"Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni – Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 20/2024 tal-Qorti intitolat *"Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni – Aktar ekoloġiċi, iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent"*, li jivvaluta jekk il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK 2023-2027 jipprovdux bażi soda biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika ta' PAK aktar ekoloġika u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dan ir-rapport;
2. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi l-iskambji ta' Prattiki tajbin "ekoloġiċi", aċċettati mill-Kummissjoni;
3. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tistma l-kontribut tal-PAK għall-oġettivi ambjentali u klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-qafas ta' monitoraġġ għall-prestazzjoni klimatika u ambjentali tal-PAK;
4. Meta mqabbel mal-perjodu 2014-2022, JILQA' l-livell oġhla ta' ambizzjoni fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK fir-rigward tal-aspetti ambjentali u klimatiċi filwaqt li JIRRIKONOXXI d-differenzi li jeżistu fost l-Istati Membri f'termini tal-aktar modi adatti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku;

5. IFAKKAR li wieħed mill-għanijiet primarji tal-PAK huwa li tiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-UE filwaqt li, fl-istess ħin tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE; madankollu JENFASIZZA li l-PAK hija biss waħda mill-għodod biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku;
6. JIĠBED L-ATTENZJONI għar-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE għall-2024¹ li juri x-xejra attwali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-UE, filwaqt li jistenna li s-settur agrikolu jilħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet li għandu jinkiseb sal-2030;
7. IFAKKAR ukoll li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK bdiet biss fl-2023 u li l-perjodu reċenti kien wieħed diffiċli ħafna għas-settur agrikolu Ewropew u għalhekk għadu kmieni wisq biex ikun jista' jiġi vvalutat bis-sħiħ l-impatt tal-PAK il-ġdida fuq l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE;
8. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għall-istabbiltà u l-prevedibbiltà fir-rigward tal-qafas legali u JAPPELLA għal sistema simplifikata ta' ġbir ta' data li tissodisfa diversi ħtiġijiet, li tevita l-ħolqien ta' piż amministrattiv bla bżonn għall-bdiewa Ewropej u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

¹ Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE għall-2024 (COM (2024) 498 final, 31/10/2024)